

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2022 – Khudaynatov vs Il-Kunsill**

(Kawża T-733/22)

(2023/C 24/92)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

**Partijiet**

Rikorrent: Eduard Yurevich Khudaynatov (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: T. Bontinck, D. Rovetta u M. Moretto, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530/PESK tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(1)</sup> sa fejn trendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/883 tat-3 ta' Ġunju 2022 li inkludiet l-isem tar-rikorrent fl-anness tad-Deċiżjoni 2014/145, applikabbi sal-15 ta' Marzu 2023;
- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(2)</sup> sa fejn iżomm l-isem tar-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 u;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-732/22, Deripaska vs Il-Kunsill.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 239, p. 149.<sup>(2)</sup> ĠU 2022, L 239, p. 1.**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2022 – Pumpyanskiy vs Il-Kunsill**

(Kawża T-734/22)

(2023/C 24/93)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

**Partijiet**

Rikorrent: Alexander Dmitrievich Pumpyanskiy (Genève, l-Isvizzera) (rappreżentanti: T. Bontinck, A. Guillerme u L. Burquin, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530/PESK tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<sup>(1)</sup> sa fejn iżżomm l-isem tar-rikorrent fin-Nru 719 tal-anness ta' din id-deċiżjoni;

- tannulla r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (¹) sa fejn iżomm l-isem tar-rikorrent fin-Nru 719 tal-Anness I ta' dan ir-regolament;
- tikkundanna lill-Kunsill iħallas is-somma ta' EUR 100 000, b'mod provviżorju, bħala kumpens għad-dannu morali subit mir-rikorrent, u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-obbligu ta' motivazzjoni.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipi taċ-ċertezza legali u tal-ugwaljanza fit-trattament.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal smiġħ.

(¹) ĠU 2022, L 239, p. 149.

(²) ĠU 2022, L 239, p. 1.

### **Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2022 – Falqui vs Il-Parlament**

**(Kawża T-735/22)**

**(2023/C 24/94)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### **Partijiet**

Rikorrent: Enrico Falqui (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: F. Sorrentino u A. Sandulli, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla n-nota D310275 tas-26 ta' Settembru 2022 tad-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi- Direttorat għad-Drittijiet Finanzjarji u Soċjali tal-Membri – Unità tar-Remunerazzjoni u d-Drittijiet Soċjali tal-Membri -Il Kap ta' Diviżjoni,
- tannulla n-nota D307559 tal-4 ta' Lulju 2022 tad-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew – Direttorat għad-Drittijiet Finanzjarji u Soċjali tal-Membri – Unità tar-Remunerazzjoni u d-Drittijiet Soċjali tal-Membri,
- tadotta kwalunkwe miżura neċċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent,
- tikundanna lill-Parlament Ewropew sabiex iħallas l-ammonti indebitament miżmuma fil-mori tal-kawża.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar “Miżuri ta’ Implantazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew”.